**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn it-2 ta' Diċembru 2024**

Talba Numru: 251/2023CC

**Go p.l.c (C 22334)**
**Vs**
**Ahmed Hussein Hashi (KI 128650 (A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-25 ta' Lulju 2023, fejn l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat jħallasha s-somma ta' elf, disa' mija u erbgħa u tletin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,934.89c) in konnessjoni ma servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40956246.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-riferenza 1592/22, u bl-imgħaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviż.

Ra li minkejja li l-kovenut ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2024, is-soċjeta' attriċi ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u konsegwentament iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa.

Ra li minkejja li t-Tribunal ta' l-fakulta lil konvenut sabiex sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2024 jippreżenta in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut għażel li ma jintavola l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Jikkunsidra.**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande*

*dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re* ***Giuseppe Gerada v. Salvu Attard*** *(Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re* ***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et*** *(Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re* ***Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** *(Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re* ***Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim*** *(Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

**<u>Jikkunsidra.</u>**

Illi it-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attriċi, it-talba ta' l-istess attriċi għandhiex tiġi milqugħa.

Flimkien mal-Avviż tat-Talba, l-attriċi ippreżentat diversi dokumenti fosthom fattura, liema fattura jindika li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, disa' mija u erbgħa u tletin ewro  u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,934.89c), dokumenti relatati mal-istess servizz u kopja tal-ittra ufficjali  bir-riferenza 1592/22.

Maryanne Camilleri in rappreżenta ta' GO p.l.c xehdet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2024 fejn fl-istess xhieda iddikjarat li l-ammont dovut lil attriċi mill-konvenut jammonta' għal elf, disa' mija u erbgħa u tletin ewro  u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,934.89c).

It-Tribunal isostni li t-talba tal-attriċi fil-konfront tal-konvenut tirriżulta kkonfermata kemm mill-fattura annessa mal-istess avviż  tat-talba u anke mix-xhieda ta' Maryanne Camilleri.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' elf, disa' mija u erbgħa u tletin ewro  u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,934.89c) bl-imgħax legali dekorribbli mil-25 ta' Lulju 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali  bir-riferenza 1592/22 jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**